C/2024/6290

21.10.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/6290)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Côte Rôtie"

PDO-FR-A0199-AM01

Data tal-komunikazzjoni: 25.7.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. Żona ġeografika u Żona fil-viċinanza immedjata

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-denominazzjoni Côte Rôtie jiġi ssupplementat mingħajr ebda bidla fit-taqsima "IV — Żoni u postijiet li fihom jitwettqu diversi operazzjonijiet — fl-ewwel parti — Żona ġeografika u fit-tielet parti — Żona fil-viċinanza immedjata" sabiex tiżdied ir-referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2023.

Din l-emenda editorjali tippermetti li ssir referenza għaż-żona ġeografika b'rabta mal-verżjoni fis-seħħ fl-2023 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE, u li d-demarkazzjoni taż-żona ġeografika tingħata ċertezza legali.

Id-Dokument Uniku jiġi ssupplementat b'din ir-referenza fit-taqsima "Definizzjoni taż-żona demarkata" kif ukoll fit-taqsima "Rekwiżiti addizzjonali — żona fil-viċinanza immedjata".

2. Tikkettar

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Côte Rôtie jiġi ssupplementat fit-taqsima "XII — Regoli dwar il-preżentazzjoni u t-tikkettar" — fit-tieni parti — Dispożizzjonijiet speċifiċi — biex jiġu inkorporati r-regoli dwar it-tikkettar tal-indikazzjoni tal-unità ġeografika akbar "Vignobles de la Vallée du Rhône" skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ftehim iffirmat bejn id-diversi korpi ta' protezzjoni u ta' ġestjoni kkonċernati. Dan it-terminu jrid jidher fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji kollha, u jrid ikun stampat b'karattri tal-istess disinn grafiku u kulur bħal dawk tad-denominazzjoni, sakemm id-daqs ta' dan it-terminu ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tad-daqs tad-denominazzjoni.

Din l-emenda hija riflessa fit-taqsima "Rekwiżiti addizzjonali — Tikkettar" tad-Dokument Uniku.

3. Obbligi ta' dikjarazzjoni

Il-Kapitolu II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Côte Rôtie ġie aġġornat biex l-obbligi ta' rappurtar tal-operaturi lill-korp tal-protezzjoni u tal-ġestjoni jsiru konformi mal-pjan ta' kontroll tad-denominazzjoni.

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

4. Referenza għall-korp ta' kontroll

Il-Kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott — it-tieni parti — Referenzi għall-korp ta' kontroll ġiet aġġornata biex jiġi speċifikat li l-kontroll tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott isir skont pjan ta' kontroll approvat u minn korp terz li joffri garanziji ta' kompetenza, imparzjalità u indipendenza u li jkun ġie ddelegat mill-INAO.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2..

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

"Côte Rôtie"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP — Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 — XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inklużi l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009:

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

DESKRIZZJONI QASIRA

Id-Denominazzjoni ta' Oriġini Côte Rôtie hija riżervata għall-inbejjed ħomor bla gass. L-inbejjed għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 10,5 %. Fl-istadju tal-ippakkjar, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' aċidu maliku ta' 0,4 grammi jew inqas għal kull litru. Fl-istadju tal-ippakkjar, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju):

— ta' 3 grammi jew inqas għal kull litru, għall-inbejjed li jkollhom qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' 13,5 % jew inqas;

— ta' 4 grammi jew inqas għal kull litru, għall-inbejjed li jkollhom qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' aktar minn 13,5 %.

— Wara l-arrikkiment, l-inbejjed ma jaqbżux il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum ta' 13 %.

— Il-kontenut ta' aċidità totali, ta' aċidità volatili mhux speċifikata u ta' diossidu tal-kubrit totali huwa dak stabbilit mir-regolamenti tal-Unjoni.

Id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie hija rikonoxxuta biss għall-inbejjed ħomor. Il-kulur skur, kważi iswed tagħhom, karatteristiku tal-varjetà Syrah N, jinbidel maż-żmien lejn sfumaturi ta' granata. L-aroma tgħaqqad il-kumplessità u l-eleganza ma' noti ta' frott iswed u ħwawar, xi drabi ta' vjola, meta l-varjetà Viognier B tkun preżenti fit-taħlita. Bit-tqaddim, l-aroma tinbidel għal noti kemxejn affumikati (ħobż mixwi, kafè, kawkaw, eċċ.) u frott imsajjar jew tal-konfettura. L-istruttura fil-palat hija kkaratterizzata minn tannini rotob, assoċjati ma' bilanċ aktar notevoli fil-preżenza tal-varjetà Viognier B, li tiġi vvinifikata, skont l-użanza, billi l-għeneb jitħallat sa perċentwal żgħir. Il-konsistenza bellusija tat-tannini tiffavorixxi wkoll l-użu ta' vinifikazzjoni tradizzjonali li tinvolvi l-maċerazzjoni ta' għenieqed sħaħ kemxejn magħsura bis-saqajn u mgħaddsa kompletament.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)

— Aċidità totali minima

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Metodu tal-kultivazzjoni

— Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 6 000 pjanta għal kull ettaru.

— L-erja massima disponibbli għal kull pjanta hija ta' 1,70 metri kwadri; din l-erja tinkiseb billi jiġu mmultiplikati l-wisa' bejn il-flanni u l-ispazju bejn il-pjanti;

— Il-wisa' bejn il-flanni fil-vinji hija ta' 2 metri jew inqas.

Id-dwieli jinżabru b'massimu ta' 10 għejun kull pjanta, skont it-tekniki li ġejjin:

— żabra qasira bid-dwiefer (sġajra b'massimu ta' 5 dwiefer għal kull pjanta, cordon de Royat b'fergħa waħda jew tnejn);

— żabra tat-tip Guyot sempliċi.

Matul is-sena tat-taħriġ, il-massimu ta' 10 għejun għal kull pjanta huwa mifhum li jirreferi għal wara t-tneħħija tal-blanzuni żejda, li għandu jsir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju.

L-inbejjed huma magħmula minn għeneb maħsud bl-idejn. L-għenieqed tal-għeneb jiġu ttrasportati sħaħ sal-post ta' produzzjoni tal-inbid.

2. Prattika enoloġika speċifika

L-użu tal-biċċiet tal-injam huwa pprojbit.

Minbarra d-dispożizzjoni ta' hawn fuq, f'dak li għandu x'jaqsam mal-prattiki enoloġiċi, l-inbejjed għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-UE kif ukoll fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. 46 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-inbejjed isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département tar-Rhône abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2023: Ampuis, Saint-Cyr-sur-le-Rhône u Tupin-et-Semons.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Viognier B

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Deskrizzjoni tal-fatturi naturali li jikkontribwixxu għar-rabta

Fit-tarf l-aktar fit-Tramuntana tal-vinji l-kbar tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côtes du Rhône, id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie hija wkoll il-fortizza l-aktar fit-Tramuntana tal-varjetà Syrah N.

Fl-organizzazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini kkontrollati tal-Vallée du Rhône, id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie tagħmel parti mill-Crus des Côtes du Rhône.

Madwar 40 kilometru fin-Nofsinhar ta' Lyon, tul il-fruntiera tal-Lvant tal-Massif Central, il-vinji jinsabu fuq għoljiet weqfin ħafna fuq ix-xatt tal-lemin tar-Rhône u jħarsu lejn il-parti tan-Nofsinhar tal-belt ta' Vienne. Dan ir-riżalt, li huwa impressjonanti mill-bidu sal-aħħar, joffri pajsaġġ imħallat, b'riżultat tal-interventi tal-bnedmin li jfittxu li jikkontrollawh sabiex jiksbu l-aħjar valur minnu.

Iż-żona ġeografika hija għalhekk demarkata minn tliet muniċipalitajiet tad-département tar-Rhône. Ampuis, Saint-Cyr-sur-Rhône u Tupin-Semons.

Fil-wied tal-Côte Blonde u f'postijiet relatati fejn l-irqajja' tal-art għandhom ħamrija ta' kulur ċar, l-erożjoni tas-substrat twasal għal trab tafli jew "arzel" li jitfarrak malajr u instabbli, li ma jistax jiġi kkultivat mingħajr ma jinżamm minn sensiela ta' ħitan tas-sejjieħ magħrufa lokalment bħala "cheys".

Fil-wied tal-Côte brune jew f'żoni fejn l-irqajja' tal-art għandhom ħamrija ekwivalenti kkaratterizzata minn kulur skur, il-matriċi taflija akbar tippermetti iżjed stabbiltà. L-għoljiet għalhekk ġew iffurmati f'għamla mtarrġa b'passaġġi dojoq jew f"chaillées", biex iffurmaw speċi ta' taraġ fejn setgħu jikbru l-pjanti tad-dwieli fuq it-tarġiet relattivament ċatti.

Il-klima, deskritta hawnhekk bħala "ta' Lyon", hija semikontinentali, għalkemm tgawdi l-aħħar influwenzi Mediterranji mill-wied tar-Rhône. Ir-riħ tat-Tramuntana lokalment magħruf bħala "Bise" huwa komuni. L-orjentazzjoni ġenerali tal-vinji lejn ix-Xlokk tagħmilhom relattivament protetti u xemxin.

Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta

Id-dwieli tal-Côte Rôtie x'aktarx li huma fost l-eqdem fil-wied tar-Rhône. Hemm ħafna evidenza li kienu mħawlin fil-qedem, b'mod partikolari fis-sit arkeoloġiku ta' Saint-Roman-en-Gal biswit il-vinji tal-Côte Rôtie li huwa magħruf għall-ħafna mużajki li ġew skavati fost il-fdalijiet tal-vilel Rumani.

Fost dawn l-istampi, insibu waħda li turi xena ta' ħsad u għasir tal-għeneb, kif ukoll il-mili ta' ġarra (mużajk tal-kalendarju agrikolu, mill-bidu tas-seklu III, il-Mużew ta' Saint Germain-en-Laye — meħud minn Saint-Romain-en-Gal). Fil-fatt, dak iż-żmien, l-inbid kien isir bir-reżina u għalhekk kien deskritt bħala "picatum" (reżinat) u magħruf bl-isem Allobrogica. (A. FERDIERE — *Les campagnes en gaule romaine* — paġna 87 — Volum 2).

L-iżvilupp inizjali tal-vinji f'dan ir-reġjun huwa għalhekk probabbilment marbut mal-paċi fi żmien ir-Rumani, li ppermetta lill-Allobrogi, li t-territorju tagħhom kien ikopri parti mix-xatt tal-lemin tar-Rhône, faċċata ta' Vienne, jiskbu ċ-ċittadinanza Rumana u, b'hekk, id-dritt li jħawlu d-dwieli. L-Allobrogica kien popolari ħafna fil-bidu tas-seklu Antonin (it-tieni seklu W.K.).

Għall-kuntrarju, fil-Medjuevu, dawn l-inbejjed mill-wied tar-Rhône sabuha diffiċli biex jirbħu lit-Tramuntana ta' Franza minħabba d-dazji eżorbitanti li kienu jimponu l-bliet li riedu jinqasmu tul ix-xmara Rhône, b'mod partikolari Lyon u Mâcon. (R. DION — *Histoire de la vigne et du vin en France*).

Sabiex jingħeleb dan l-ostaklu, fis-seklu XVII żviluppa l-kummerċ tal-inbejjed mill-wied tar-Rhône, li din id-darba rebħu lil Pariġi billi kienu jiġu ttrasportati tul il-Loire. Fil-fatt, fil-livell ta' Condrieu, il-wied tar-Rhône huwa separat minn dak tal-Loire biss b'distanza ta' madwar 40 kilometru, li tista' tinqasam minn parti baxxa tal-massif ta' Pilat. Aktar lejn it-Tramuntana, il-kanali Briare u Loing jgħaqqdu lil-Loire mas-Seine, li twassal għal Pariġi.

F'dan il-perjodu il-Côte Rôtie stagħna, iżda mis-seklu XIX 'il quddiem, segwew id-diffikultajiet. L-ewwel kien hemm il-phylloxera, li qerdet parti kbira mill-vinji, kif enfasizzat fil-kitbiet ta' kittieb minn Alsace li żar il-wied tar-Rhône fl-1893: "Il-vinji li dari kienu magħrufa, illum kważi nqerdu; ftit li xejn fadal dwieli fuq l-għoljiet ta' Côte Rôtie, ta' Ampuis u ta' Condrieu" (Jean Felbert, *histoire d'une famille alsacienne* — A. PICARD u RAAN).

Imbagħad kien hemm l-Ewwel Gwerra Dinjija, u fl-aħħar nett l-industrijalizzazzjoni tal-wied tar-Rhône, li naqqsu drastikament il-forza tax-xogħol meħtieġa biex jaħdmu fuq dawn l-għoljiet weqfin, li ftit li xejn iħallu post għat-tagħmir miġbud bi rmonk jew għall-kultivazzjoni mekkanika.

Matul is-seklu XX, il-vinji kważi sparixxew. Ma kienx qabel is-snin sittin li l-vinji tal-Côte Rôtie bdew jesperjenzaw rinaxximent.

Fl-2010, id-dwieli reġgħu kisbu posthom u kienu jokkupaw iż-żoni li kienu jeżistu qabel il-kriżi tal-phylloxera.

L-enċiklopedija RORET (1921) tissuġġerixxi li, fil-bidu tas-seklu XX, l-inbejjed mill-muniċipalità ta' Ampuis waħedha (u dik ta' Verinay jew Verenay li wara ġiet inkorporata f'Ampuis) kienu eliġibbli għall-isem "Côte Rôtie".

Madankollu, il-muniċipalitajiet ta' Ampuis u ta' Tupin-Semons kellhom jiġu inklużi fil-bidu fiż-żona ġeografika tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côtes du Rhône fid-19 ta' Novembru 1937, u kien biss bid-Digriet tat-18 ta' Ottubru 1940 li d-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie ġiet rikonoxxuta f'dawn iż-żewġ muniċipalitajiet.

Fl-aħħar nett, l-emenda tad-Digriet tal-21 ta' Diċembru 1966 testendi ż-żona ġeografika għall-muniċipalità Saint-Cyr-sur-le-Rhône li tinsab biswitha.

Il-biċċa l-kbira tal-varjetajiet tad-dwieli mkabbra huma Syrah N jew "sérine" jew "seriné", varjetà emblematika ta' din il-vinja. Diġà fl-1921, l-enċiklopedija RORET iddikjarat li "s-seriné noir, il-corbeille noire jew id-damas noir jiddominaw fil-vinji famużi ta' Côte Rôtie". Barra minn hekk, it-testijiet tad-DNA (JM. Boursicot — INRA ta' Montpellier) minn dak iż-żmien 'l hawn urew b'ċertezza l-oriġini mir-Rhône tal-varjetà Syrah N mill-varjetajiet Mondeuse B u Dureza N.

Il-prossimità tal-vinji tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Condrieu, li jinsabu fl-istess żona bħall-varjetà Viognier B, tispjega wkoll parzjalment il-prattiki li, f'kull żmien, din il-varjetà kienet titħawwel fil-vinji ta' Côte Rôtie.

Saħansitra kienu jiġu prodotti nbejjed bojod ta' Côte Rôtie fil-bidu tas-seklu XVII, għalkemm il-produzzjoni tagħhom malajr ġiet abbandunata, minħabba l-prossimità tal-inbejjed prestiġjużi tad-denominazzjonijiet ta' oriġini kkontrollati Condrieu u Château-Grillet.

Il-preżenza storika tal-varjetà Viognier B fil-varjetà tad-dwieli hija indikattiva ta' din il-produzzjoni.

L-aktar ipoteżi aċċettata dwar l-oriġini tal-isem ta' din il-vinja hija denominazzjoni marbuta mal-immaġni tas-sajf tal-għoljiet "maħruqa" (inkaljati) mix-xemx.

L-eqdem rekord bil-miktub tal-użu tal-isem Côte Rôtie jmur lura għal mill-inqas l-1698 (*A journey to Paris in the year 1698* jew *voyage de Lister* — tradott u ppubblikat fl-1873).

Ir-reputazzjoni tal-vinji Côte Rôtie hija essenzjalment mibnija fuq ir-reputazzjoni ta' żewġ widien. L-enċiklopedija RORET (1921) tistqarr, fir-rigward tal-inbejjed mill-arrondissement ta' Lyon: "L-inbejjed ħomor l-aktar stmati jinħasdu fil-muniċipalità ta' Ampuis, li hija maqsuma f'żewġ partijiet imsejħa Côte brune u Côte Blonde".

Bl-istess mod, l-*Atlas de la France vinicole* ta' L. Larmat fih mappa tal-vinji li fuqha, minbarra l-postijiet katastali, jidhru l-ismijiet ta' "Côte Blonde" u "Côte Brune" separati mix-xmajra Fontgent.

Waħda mill-ħafna leġġendi dwar l-oriġini tar-reputazzjoni ta' dawn iż-żewġ "Côtes" tagħti spjegazzjoni poetika. Allegatament ġew imsemmija minn sinjur li kellu l-artijiet f'Ampuis li kellu żewġt ibniet, waħda kannella u l-oħra bjonda. Spjegazzjoni oħra, aktar xjentifika, tgħid li din id-distinzjoni hija bbażata fuq l-oriġini ġeoloġika tas-substrat li fih huma mħawlin il-vinji.

Tabilħaqq, il-Côte Blonde jinsab fuq substrat magħmul prinċipalment mill-gness. Bħala riżultat ta' alterazzjoni, dan il-blat wassal għal ħamrija b'kontenut għoli ta' siliċju, ta' kulur ċar, li sikwit ġiet ikkalċifikata mill-ġdid b'kontribuzzjonijiet mill-kisi tal-loess mill-plateau.

Min-naħa l-oħra, il-Côte Brune jinsab fuq substrat magħmul minn shale tal-majka li fuqu, bħala riżultat ta' alterazzjoni, żviluppat ħamrija b'kontenut ta' siliċju aktar baxx, aktar taflija, u aktar rikka fil-ħadid u ta' kulur aktar skur. L-irqajja' ta' art imħawlin b'taħlita tal-varjetajiet Syrah N u Viognier B huma aktar komuni fuq il-Côte Blonde milli fuq il-Côte Brune.

Fl-2009, l-erja tal-produzzjoni kienet tkopri madwar 250 ettaru, bi produzzjoni annwali medja ta' madwar 10 000 ettolitru maqsuma bejn madwar mitt produttur, inklużi madwar sittin kantina tal-inbid individwali. Id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie hija rikonoxxuta biss għall-inbejjed ħomor.

Il-kulur skur, kważi iswed tagħhom, karatteristiku tal-varjetà Syrah N, jinbidel maż-żmien lejn sfumaturi ta' granata.

L-aroma tgħaqqad il-kumplessità u l-eleganza ma' noti ta' frott iswed u ħwawar, xi drabi ta' vjola, meta l-varjetà Viognier B tkun preżenti fit-taħlita.

Bit-tqaddim, l-aroma tinbidel għal noti kemxejn affumikati (ħobż mixwi, kafè, kawkaw, eċċ.) u frott imsajjar jew tal-konfettura.

L-istruttura fil-palat hija kkaratterizzata minn tannini rotob, assoċjati ma' bilanċ aktar notevoli fil-preżenza tal-varjetà Viognier B, li tiġi vvinifikata, skont l-użanza, billi l-għeneb jitħallat sa perċentwal żgħir. Il-konsistenza bellusija tat-tannini tiffavorixxi wkoll l-użu ta' vinifikazzjoni tradizzjonali li tinvolvi l-maċerazzjoni ta' għenieqed sħaħ kemxejn magħsura bis-saqajn u mgħaddsa kompletament. Fuq ix-xatt tal-lemin tar-Rhône, it-taħlita ta' mezoklima magħrufa bħala "ta' Lyon", sitwazzjoni topografika ta' għoljiet weqfin ħafna fuq ix-xmara Rhône, u kumpless ġeopedoloġiku ta' oriġini metamorfika li jeħtieġ intervent uman kostanti għall-iżvilupp armonjuż ta' artijiet imtarrġa u ħitan tas-sejjieħ, toffri lill-varjetà Syrah N, ir-"reġina" fost il-varjetajiet tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Côte Rôtie, u lill-varjetà Viognier B l-aħjar kundizzjonijiet biex jiżviluppaw u jsiru, u tippermetti l-produzzjoni ta' nbid aħmar oriġinali li jgħaqqad ir-robustezza u l-eleganza.

Dawn iż-żewġ varjetajiet, li jitħawlu fil-limiti tal-possibbiltajiet ta' kultivazzjoni tagħhom, jistgħu jesprimu l-potenzjal tagħhom jekk jitħawlu fuq irqajja' tal-art demarkati bir-reqqa fuq l-għoljiet l-aktar esposti u protetti mill-effetti negattivi tal-irjieħ kesħin.

Dawn il-vinji ta' qabel żmien ir-Rumani huma qodma daqs ir-reputazzjoni pprovata tagħhom, u ilhom magħrufa bl-isem Côte Rôtie mill-inqas mis-seklu XVII.

It-trażmissjoni tal-użanzi tal-kultivazzjoni tad-dwieli fuq puntali u l-protezzjoni tal-ħamrija fraġli, magħmula mill-lewkogness jew mix-shales tal-majka u l-migmatite, permezz tal-iżvilupp ta' artijiet mtarrġa jew ħitan għoljin, ippermettiet lil dawn il-vinji jżommu l-fiżjonomija partikolari tagħhom sa mill-qedem. Dan, flimkien mal-pajsaġġ assoċjat, jikkontribwixxi għar-reputazzjoni leġġendarja tagħhom, mibnija b'mod partikolari fuq id-duwalità tal-Côte Brune u tal-Côte Blonde, marbuta mal-kuntrasti fil-ħamrija, fil-produzzjoni tal-inbid u fl-istruttura tal-inbejjed.

Peress li għadhom iżommu t-tradizzjoni li jaqtgħu l-għeneb bl-idejn, il-produtturi tal-inbid ta' Côte Rôtie jikkontribwixxu għaż-żamma tal-oriġinalità u tal-karatteristiċi ta' din il-vinja tal-għoljiet.

L-esponiment ta' dawn l-inklinazzjonijiet maħruqa mix-xemx probabbilment huwa l-oriġini tal-isem Côte Rôtie.

Minkejja l-kitbiet li ħallew ħafna awturi tal-antikità, inkluż it-tabib ĊELSU, in-naturalista PLINJU L-KBIR, l-istoriku PLUTARKA, l-agronomista KOLUMELLA u l-poeta MARTIAL, li jsemmu l-Allobrogica, inbid ta' Vienne prodott fl-Allobrogi, waħda mill-eqdem rekords miktuba relatati mar-reputazzjoni stabbilita tal-inbejjed ta' Ampuis tmur lura għall-1592, id-data li fiha l-abitanti ta' din il-muniċipalità laqgħu lil Laurent de Maugiron akkumpanjat mid-Duka ta' Mayenne, li lilu "ppreżentaw l-inbid magħruf tagħhom" (*Histoire et généalogie de la famille de Maugiron, en Viennois, 1257–1767*, ta' H. de TERREBASSE Ed. 1905).

Ir-reputazzjoni sħiħa tal-inbejjed ta' Côte Rôtie hija miġbura fil-qosor f'edizzjoni tal-1781 tal-*Histoire naturelle de la province du Dauphiné* (prefazju — Volum 1 — FAUJAS de SAINT-FONDS): "L-inbejjed ta' Côte Rôtie (u dawk ta' Hermitage) ilhom ħafna żmien igawdu reputazzjoni qawwija, tant li jistħoqqilhom dettalji partikolari dwar l-ispeċijiet tal-għeneb, l-esponiment u l-kultivazzjoni tal-vinji li jipproduċuhom".

Aktar 'il quddiem fl-istess ktieb, żewġ siltiet ta' tifħir jikkorroboraw ir-reputazzjoni ta' dan l-inbid ikklassifikat, mill-ewwel Echevin ta' Vienne (Frar 1780), bħala l-ewlieni fost dawk ta' Vienne u meqjusa bħala ugwali għall-aqwa nbejjed Franċiżi.

Din ir-reputazzjoni spiss hija marbuta b'mod inseparabbli ma' dik ta' "crus des Côtes du Rhône septentrionales" oħra, kif tixhed din is-silta mit-*Traité théorique et pratique sur la culture de la vigne* (Volum 1 — CHAPTAL, PARMENTIER, DUSSIEUX — 1801): "L-inbejjed famużi ta' Hermitage, ta'Côte Rôtie u ta' Condrieu jiġu prodotti fuq l-għoljiet li jmissu mar-Rhône".

Ir-reputazzjoni ta' dan l-inbid qiegħda dejjem tikber, mibnija fuq il-kwalità u l-finezza tiegħu, u hija sostnuta mill-pajsaġġ, fuq vinja spettakolari rikonoxxuta bħala denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata sa mill-1940, daqskem mill-ħakma ta' "pajjiż" sħiħ permezz tal-organizzazzjoni annwali tal-"Marché aux vins d'Ampuis" (is-Suq tal-Inbid ta' Ampuis) mill-1928 'l hawn.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni u l-iżvilupp tal-inbejjed, hija magħmula mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2023:

— Id-département tal-Ardèche: Andance, Ardoix, Arras-sur-Rhône, Champagne, Charnas, Châteaubourg, Cornas, Félines, Glun, Guilherand-Granges, Lemps, Limony, Mauves, Ozon, Peyraud, Saint-Désirat, Saint-Etienne-de-Valoux, Saint-Jean-de-Muzols, Saint-Péray, Sarras, Sécheras, Serrières, Talencieux, Toulaud, Tournon-sur-Rhône, Vion;

— Id-département tad-Drôme: Beaumont-Monteux, Chanos-Curson, Crozes-Hermitage, Erôme, Gervans, Larnage, Mercurol-Veaunes għat-territorju tal-muniċipalità ta' Mercurol biss, Pont-de-l'Isère, La Roche-de-Glun, Serves-sur-Rhône, Tain-l'Hermitage;

— Id-département ta' Isère: Chonas-l'Amballan, Les Côtes-d'Arey, Les Roches-de-Condrieu, Reventin-Vaugris, Saint-Clair-du-Rhône, Seyssuel, Vienne;

— Id-département tal-Loire: Chavanay, Malleval, Saint-Michel-sur-Rhône, Saint-Pierre-de-Bœuf, Vérin;

— Id-Département tar-Rhône: Condrieu, Les Haies, Loire-sur-Rhône, Longes, Sainte-Colombe, Saint-Romain-en-Gal.

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

a) It-tikkettar tal-inbejjed li jibbenefikaw mid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jista' jispeċifika l-isem ta' unità ġeografika iżgħar bil-kundizzjoni li:

   — ikun l-isem ta' post irreġistrat;

   — dak il-post ikun jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

b) It-tikkettar tal-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jista' jispeċifika l-unità ġeografika usa' "Cru des Côtes du Rhône" jew "Vignobles de la Vallée du Rhône". Ir-rekwiżiti tal-użu tal-unità ġeografika aktar usa' "Vignobles de la Vallée du Rhône" huma speċifikati fil-ftehim iffirmat bejn l-entitajiet differenti tal-protezzjoni u tal-ġestjoni kkonċernati. Dan it-terminu jrid jidher fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji kollha u jrid ikun stampat b'karattri tal-istess disinn grafiku u kulur bħal dawk tad-denominazzjoni, sakemm id-daqs ta' dan it-terminu ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tad-daqs tad-denominazzjoni.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-dceb7462-aee6-4db6-a6f7-a7d5cb91349e